- *SERVIZZ TELEFONIKU –*
- *ARTIKOLU 2156 (F) TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Dicembru, 2001**

**Kawza Numru: 34**
**Citazzjoni Numru: 1388/98/RCP**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Mohammed u Edwina konjugi Trabelsi**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi skond l-applikazzjoni relattiv hawn annessa u markata "Dok A" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), il-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf tlett mija u disgha u ghoxrin Lira Maltija u tmenin centezmu (LM1,329.80), in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru sitta, disgha, tnejn, sebgha, wiehed, tnejn, (692712), skond il-prospett hawn anness u markat bhala bhala "Dok B";

Illi interpellati biex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u disgha u ghoxrin Lira Maltija u tmenin centezmu (LM1,329.80);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tas-sisa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol 5 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 6 sa 9 tal-process;

Rat id-diversi rikorsi tas-socjeta` attrici ghan-notifika tac-citazzjoni u d-digrieti relattivi tal-Qorti.

Rat il-verbali tat-18 ta' Jannar 1999, tal-4 ta' Gunju 1999, tal-14 ta' Jannar 2000 fejn Dr Anthony Ellul informa lill-Qorti illi l-konvenuta hija *de facto* separata mill-konvenut u ghadha mhux notifikata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mohammed Trabelsi a fol 26 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghall-hlas tal-ammont pretiz bic-citazzjoni huma preskritti a tenur tal-Artikolu **2156 (f).**

2. Illi f'kull kaz l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici huwa esagerat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 27 tal-process.

Rat il-verbali tal-15 ta' Marzu 2000, tal-10 ta' Mejju 2000, tal-11 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta fejn il-PL Noel Scerri bil-gurament tieghu ikkonferma d-dikjarazzjoni attrici u li ma thallas xejn fil-mori tal-kawza, u ddikjara li m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavits lill-konvenut ta' tlettin (30) jum u tat-23 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-8 ta' Frar 2001.

Rat ir-rikors ta' Edwina Trabelsi tat-3 ta' Jannar 2001 u d-digriet tad-19 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal tat-8 ta' Frar 2001 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-istess rikors tat-3 ta' Jannar 2001 fi zmien seba' t'ijiem u bi zmien erba' t'ijiem ghar-risposta u halliet il-kawza ghall-provi kollha fuq l-istess rikors ghat-28 ta' Marzu 2001 u ghal dan l-iskop tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat il-verbali tat-28 ta' Marzu 2001, tas-27 ta' Gunju 2001 fejn Dr Camilleri attira l-attenzjoni tal-Qorti li r-rikors gie notifikat lill-partijiet l-ohra u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghall-5 ta' Lulju 2001.

Rat il-verbali tal-5 ta' Lujlu 2001 u tat-2 ta' Ottubru 2001 fejn il-konvenuti msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux u

ghalhekk il-kawza giet differita ghall-decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghall-11 ta' Ottubru 2001.

Rat il-verbal tal-11 ta' Ottubru 2001 fejn inghatat decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenuta b'dan li ghandha tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fi zmien ghoxrin (20) jum u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghat-28 ta' Novembru 2001. Aktar tard deher Dr David Camilleri li ghall-kull *buon fini* ta' ruhu notifikat bic-citazzjoni u bl-appuntament tal-kawza.

Rat li l-konvenuta ma pprezentat ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tat-28 ta' Novembru 2001 fejn deher Dr David Camilleri li rrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenuta, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta' Dicembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir stante li s-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenuti huma debituri taghha fl-ammont ta' elf, tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltija rappresentanti valur ghas-servizz tat-telefon numru 692712, provdut mis-socjeta' attrici lill-konvenuti.

Illi in sosten tal-istess jirrizulta li l-konvenuta kienet applikat ghal tali servizz tat-telefon fil-5 ta' Marzu 1991 kif jidher mill-applikazzjoni iffirmata mill-konvenut u esebita bhala Dok. "A" a fol. 7 tal-process, u l-kont relattiv tal-pretensjoni attrici jinsab esebit a fol. 8 tal-process, fejn minnu jirrizulta li s-servizz relattiv li ghalih qed issir din il-kawza jirrigwarda telefonati li gew imnizzla fil-kont fil-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 1994 u l-1 ta' Jannar 1998, li jwasslu ghat-total imsemmi fic-citazzjoni attrici.

Illi l-konvenut eccepixxa li t-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-ammont pretiz bic-citazzjoni huma preskritti a tenur ta' l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.**

Illi l-istess **artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku".*

Illi dwar il-preskrizzjoni ecceppieta mill-konvenut jinghad li fis-sentenza **"Maltacom plc. Vs Anne Micallef"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 2000) inghad illi l-preskrizzjoni skond l-**artikolu 2148 (f**) hija ghall-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar

u tirreferi ghall-*"azzjonijiet ta' kull persuna ghall-hlas ta' kera ta' hwejjeg mobbli".*

Illi l-istess sentenza kompliet pero' tghid li *"ghalkemm parti zghir mill-istess ammont rikjamat veru hija ghall-"kera" tal-apparat, huwa ovvju li l-ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta huwa wiehed li jimporta l-ghoti tas-servizz kontra pagament, anke jekk il-pagament huwa kkalkolat b'rati determinati skond kemm jintuza mill-utenti. Anke dak li jissejjah kera tal-apparat, ma huwiex pagament ghall-apparat fih innifsu, imma biss in kwantu tali apparat huwa mehtieg ghall-ghoti tas-servizz in kwistjoni mis-socjeta' attrici, liema servizz li l-kontraenti ikkontrattaw dwaru, jista' u seta' biss jinghata tramite l-uzu ta' dan l-apparat. Illi a bazi tal-premess is-sentenza fl-ismijiet* ***"John Scicluna nomine vs Robert Spiteri" (JSP. 5 ta' Novembru 1992)*** *ikkonkludiet illi "il-kuntratt bejn il-kontendenti li kkreja ir-relazzjoni giuridika bejniethom u li t-thaddim tieghu pprovoka din il-kawza, huwa wiehed ta' "ghoti ta' servizz" u mhux wiehed ta' "kiri ta' oggett mobbli". Ta' l-istess portata hija d-decizjoni* ***"Post Master General et vs Michael James Falla" (P.A. 13 ta' Mejju 1980).***

Illi fil-fatt l-istess decizjoni kkonkludiet li ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli ma hijiex dik *ai termini* tal-**artikolu 2148 (f) tal-Kap 16,** izda dik ta' hames snin *ai termini* tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** kif jinstab stabbilit fl-istess sentenzi u dawk fl-ismijiet **"Maltacom p.l.c. vs Charles Pool"** (FGC. 5 ta' Novembru 1999); **"Korporazzjoni Telemalta vs Carmel Dingli"** (GV.

28 ta' April 1997); **"Saviour Farrugia nomine vs Albert Pearson"** (2 ta' Mejju 1997).

Illi ghalhekk huwa minnu li jinghad li l-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz *de quo* hija dik skond l-artikolu pre-citat mill-konvenut, pero' mill-provi prodotti jirrizulta li s-servizz li tieghu qed jintalab il-hlas jirreferi ghall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 1994 sal-1 ta' Jannar 1998, u tenut kont tal-fatt li c-citazzjoni attrici giet prezentata fil-25 ta' Gunju 1998 u giet notifikata fl-4 ta' Jannar 2000 ghalhekk jidher li t-terminu preskrittiv ma lahaqx iddekora *di fronte* ghall-istess konvenut, u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi in konnessjoni mat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, fejn qed jallega li l-ammont rikjest huwa esegerat, l-istess konvenut ma ressaq ebda provi sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu, u dan mehud mal-fatt li s-socjeta' attrici ppruvat l-allegazzjonijiet taghha, iwassal ghall-konkluzzjoni li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi wkoll michuda.

Illi kwantu ghall-konvenuta, din baqghet kontumaci u ghalhekk ma resqet l-ebda eccezzjonijiet kwalunkwe, u ghalhekk isegwi, li la darba l-istess socjeta' attrici ppruvat l-allegazzjonijiet kollha taghha permezz tad-dokumenti esebiti minnha, l-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenuta ghandha tigi milqugha.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici, a bazi tal-premess, ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezjonijiet tal-konvenut u fil-kontumacja tal-konvenuta **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** b'dan illi:

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u disgha u ghoxrin Lira Maltija u tmenin centezmu (LM1,329.80);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa dovuta fuq id-drittijiet professjonali tal-avukat u l-prokuratur legali u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni attrici mill-25 ta' Gunju 1998 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**6 ta' Dicembru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**6 ta' Dicembru, 2001**